



---

**0064/2015**

26.10.2015

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-promozzjoni tal-multilingwiżmu fl-Unjoni Ewropea

**Ilhan Kyuchyuk (ALDE), Andrejs Mamikins (S&D), Csaba Sógor (PPE),  
Jordi Sebastià (Ħodor/AHE), Josep-Maria Terricabras (Ħodor/AHE),  
Ernest Maragall (Ħodor/AHE), Ivan Jakovčić (ALDE), Petr Ježek  
(ALDE), Ivo Vajgl (ALDE), Ramon Tremosa i Balcells (ALDE), Jozo  
Radoš (ALDE)**

Data ta' skadenza: 26.1.2016

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-promozzjoni tal-multilingwiżmu fl-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>**

1. Il-multilingwiżmu ilu politika uffiċjali tal-UE mill-Kunsill Ewropew ta' Barċellona fl-2002. Ħiliet lingwistiċi dgħajfa u l-promozzjoni esklussiva ta' lingwa partikolari jistgħu jkunu fattur fil-kriżi soċċali attwali tal-Ewropa, jiġifieri billi jżidu l-intolleranza u l-preġudizzju, li jwasslu għall-qawmien ta' partiti politiċi estremisti.
2. Hemm 'il fuq minn 50 miljun persuna li jitkellmu lingwa regionali, lingwa minoritarja u lingwa mhux uffiċjali fl-Istati Membri u xi 40 miljun immigrant li jużaw lingwi mhux Ewropej, bħalma hu t-Tork, l-Għarbi, ir-Russu u c-Ċiniż.
3. Id-drittijiet tal-lingwa, kemm individwali u kemm kollettivi, huma drittijiet fundamentali tal-bniedem, li jippromwovu opportunitajiet indaq sħa għad-ding.
4. Il-kompetenza lingwistika hija fattur kruċjali fil-kompetenza professionali u fl-inkoragiġment tal-mobilità. Ir-reġjuni ta' mal-fruntieri għandhom bżonnijiet speċjali u jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.
5. Bil-promozzjoni tal-multilingwiżmu u tal-użu tal-lingwi minoritarji u l-lingwi mhux uffiċjali, l-UE qed tipproteġi u tippromwovi d-diversità kulturali, li hija valur Ewropew ewljeni.
6. Il-Kummissjoni hija mistiedna għalhekk tqajjem l-għarfien dwar il-benefiċċi tal-multilingwiżmu u tal-multikulturaliżmu fost l-istituzzjonijiet u c-ċittadini Ewropej, u tadotta approċċ sistematiku għall-preservazzjoni u l-protezzjoni tal-lingwi u l-kulturi minoritarji.
7. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmsata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tīgħi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.